**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Isem: ____________________________ Klassi: ___________



**A. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha.**



1. Il-bandiera Maltija hi (bajda u blu, bajda u safra, bajda u ħamra, ħadra u bajda).

2. Il-poeta nazzjonali tagħna hu (Dun Mikiel Xerri, Dun Karm Psaila, Robert Samut, Dun Ġorġ Preca).

3. Dawk li jgħinu biex ikun hemm l-indafa fit-toroq huma (l-kenniesa, l-infermiera, x-xufiera, l-furnara).

4. Il-(pjanta, librerija pubblika, gazzetta, karozza) hija mezz ta' trasport.

5. Nuri rispett lejn il-ġirien billi (nżomm il-kwiet, nagħmel l-istorbju, niġġieled fit-triq, nsabbat il-bieb).



6. Dawn iġibu l-ittri d-dar tagħna: (mastrudaxxi, piloti, bdiewa, pustiera).

7. Inkun naf x'inhu jiġri madwari billi (naqra storja, nikteb poeżija, nċempel lit-tabib, nisma' l-aħbarijiet).

8. Il-Konti Ruġġieru kien (Spanjol, Normann, Sqalli, Għarbi).

9. Il-bandiera tal-Libja hi (ħamra, kaħla, ħadra, safra) kollha.

10. Il-gżira l-aktar qrib ta' Malta hi (Kreta, Sqallija, Ċipru, Sardenja).

11. L-istaġun tal-festi hu (r-Rebbiegħa, s-Sajf, l-Ħarifa, x-Xitwa).

12. L-Innu Malti huwa talba (lill-President, lill-Arċisqof, lil Dun Karm Psaila, lil Alla).



13. Hemm deżert kbir (fl-Eġittu, fl-Italja, fil-Greċja, fi Franza).

14. It-Tuneżija u l-(Ġermanja, Ingilterra, Iraq, Marokk) huma pajjiżi li jmissu mal-Mediterran.

15. Il-belt kapitali tat-Turkija hija (Ruma, Lisbona, Ankara, Rabat).

**(15-il marka)**



**B. Aqta' min jien.**

1. Jiena nwasslek il-Belt Valletta u lura.
   Għandi numru li juri f'liema raħal sejra. ______________________
2. Inġorr in-nies bil-baħar minn Malta għal
   Għawdex. ______________________
3. Meta nixgħel aħdar nurik li tista' taqsam.
   Meta naqleb aħmar trid tistenna. ______________________
4. Il-karozzi ma jistgħux jitilgħu fuqi.
   In-nies jimxu fuqi fil-ġenb tat-triq. ______________________
5. Inżomm l-ordni fil-pajjiż.
   Immexxi t-traffiku. ______________________

**(5 marki)**

**Ċ. Daħħal dawn il-kliem fil-vojt.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-purċissjoni | d-dundjan | 15 ta' Awissu | innijiet | il-presepju |
| l-ħaruf | Għawdex | l-figolli | festa | 25 ta' Diċembru |



1. Ħafna familji Maltin ikollhom ______________________ d-dar fil-ġranet tal-Milied.
2. Lejlet il-Milied ikun hemm______________________ bil-Bambin. In-nies ikantaw ____________________ tal-Milied.
3. Fl-ikla tal-Milied ħafna nies jieklu _________________________.
4. Niftakru fit-twelid ta' Ġesù fil- _________________________.
5. Fl-Għid ħafna nies jieklu _____________________
   u __________________.
6. Kull raħal jagħmel _______________________ lil xi qaddis.
7. Il-festa ta' Santa Marija tiġi fil- ______________________________.
   Din il-festa ssir f'Malta u f' _________________________________.



**(10 marki)**

**D. Imla l-vojt.**

1. L-istrument li jkejjel it-temperatura ngħidulu ____________________.
2. Dan jurina kemm hi _______________ jew ____________________.




**Agħżel it-tajba u aqta' sing taħtha.**

3. Strument (A, B, Ċ) juri l-aktar sħana.
4. Strument (A, B, Ċ) juri l-aktar kesħa.
5. It-temperatura matul il-lejl tkun aktar (għolja, baxxa, sħuna) minn dik ta' matul il-jum.
6. It-temperatura nkejluha bil-gradi (ċenteżmi, ċelsius, ċentimetri, metri).

**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet dwar it-temp.**

| L-anemometru | Il-pluvjometru | Il-pinnur |
|---|---|---|



7. ____________________________ jurina minn fejn ikun ġej ir-riħ.
8. ____________________________ nużawh biex inkejlu l-qawwa tar-riħ.
9. ____________________________ nużawh biex inkejlu x-xita.

**(10 marki)**

**E. Ħares lejn l-istampi.**




**Rita ħarġet mid-dar. L-ewwel marret tixtri ktieb minn ħanut tal-kotba. Wara marret l-iskola.**

**Imla l-vojt b'direzzjoni.**
**Agħżel minn dawn.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| it-Tramuntana | in-Nofsinhar | il-Lvant | il-Punent |

1. Rita ħarġet mid-dar. Imxiet lejn _________________________ u waslet fil-ħanut.
2. Ħarġet mill-ħanut, imxiet lejn ______________________ u waslet l-iskola.
3. Wara l-iskola ġriet ferħana lejn _____________________ biex tara lin-nanna.
4. Kif daqqu t-tlieta sellmet lin-nanna u telqet lejn ____________________ biex tmur lura d-dar.

**(8 marki)**

**F. Il-Kavallieri ta' San Ġwann telqu minn Malta fl-1798. Wara ġew il-Franċiżi.**

**Il-Franċiżi serqu ħafna affarijiet mill-knejjes tagħna. Il-Maltin kienu mdejqin ħafna. Huma ma ridux li l-Franċiżi jibqgħu jikkmandaw f'Malta.**

**Fi. Agħżel it-tajba.**

1. Qabel il-Franċiżi, (it-Taljani, l-Ingliżi, il-Kavallieri, l-Għarab) kienu jikkmandaw f'Malta. (marka)
2. Il-Franċiżi kienu jisirqu l-aktar (mid-djar, mill-knejjes, mill-irziezet, mill-għelieqi). (marka)
3. Il-Maltin kienu (ferħanin, għażżenin, maqgħudin, mdejqin) bil-Franċiżi. (marka)

**Fii. Kompli dawn is-sentenzi.**



1. Il-Maltin riedu jeħilsu mill-Franċiżi. Il-qassis li mexxa lill-Maltin kien ____________________________________________. (2 marki)
2. Dan il-qassis twieled f' __________________________. (marka)
3. Bħala kastig, il-Franċiżi ____________________ lil dan il-qassis u lil sħabu. (2 marki)
4. Dawn il-Maltin kienu **eroj**. **Eroj** tfisser __________________________________________ ______________________________________________________. (2 marki)

**(10 marki)**

**Ġ. Aqra din l-istorja.**



Marija u Klint marru ħarġa fil-kampanja mal-familja. Sabu post nadif fejn ipoġġu l-affarijiet tagħhom. Ftit ’il bogħod kien hemm fliexken, laned u skart ieħor li kerrhu l-ambjent.

Klint mar dawra bir-rota. Iżda x’ġara? Kien għaddej minn passaġġ u waqa’ minn fuq ir-rota u ġie fuq flixkun imkisser.



**Imla l-vojt.**

(1) Idu ġiet fuq il-flixkun imkisser u ħariġlu ħafna ___________________.
Missieru saq malajr lejn l- ________________.

(2) Żewġ affarijiet li jħammġu l-ambjent fil-kampanja huma
___________________________________________________________ u
________________________________.

(3) Żewġ persuni li jaħdmu fl-isptar huma _____________________________ u
________________________________.

(4) Klint korra għax _______________________________________________.

(5) Żewġ eżempji kif nista’ nibża’ għall-ambjent fil-kampanja huma
___________________________________________________________ u
___________________________________________________________.

(6) Meta tkorri jew tkun marid jinvistak xi __________________.

(7) Karozza speċjali li tieħu l-isptar lil xi ħadd li weġġa’ ngħidulha
________________________________.



(8) Nixtri l-mediċina mingħand l-_____________________.

**(12-il marka)**

**G. Agħmel √ fil-kaxxa ħdejn is-sentenza t-tajba. Ara l-eżempju.**

**Eżempju: Il-ħbieb**



| | |
|---|---|
| a) Sib ħbieb li għandhom ħafna flus. | |
| b) Agħżel ħbieb li dejjem lesti biex jgħinuk f'kull bżonn. | √ |
| ċ) Itlaq il-ħbieb kollha. | |

**1. Fil-familja**



| | |
|---|---|
| a) Inħobb lill-ġenituri meta jixtruli dak kollu li rrid. | |
| b) Ngħin fil-familja meta jkolli aptit. | |
| ċ) Ngħin fid-dar meta jkun hemm bżonn. | |

**2. Fl-iskola**



| | |
|---|---|
| a) Nirrispetta lill-għalliema kollha. | |
| b) Intellef lil sħabi waqt il-lezzjoni. | |
| ċ) Waqt il-brejk jilagħbu biss dawk li nagħżel jien. | |

**3. Fil-knisja**



| | |
|---|---|
| a) Waqt il-quddiesa noqgħod nitkellem ma' sħabi. | |
| b) Inġib ruħi tajjeb u nieħu sehem f'dak li jkun qed isir. | |
| ċ) Nilbes qisni sejjer il-baħar. | |

**4. Fir-raħal tiegħi**



| | |
|---|---|
| a) Ngħin xi anzjani li joqogħdu ħdejna. | |
| b) Indoqq id-diski b'volum qawwi waqt il-ħin tal-mistrieħ. | |
| ċ) Nidħol membru f'għaqda u nattendi biss meta jfettilli. | |

**5. Fil-kampanja**



| | |
|---|---|
| a) Ngħaffeġ kull insett li nara. | |
| b) Naqta' l-fjuri li jikbru waħedhom u neħodhom id-dar. | |
| ċ) Nara li nimxi biss mill-passaġġi. | |

**(5 marki)**

**GĦ. Aqta' sing taħt il-kelma <u>li ma taqbilx</u> mal-festa. Ara l-eżempju.**

**Eżempju – San Martin: Novembru, borża, ġewż, <u>nagħġa</u>, karità.**

1. Il-Milied: Diċembru, presepju, Bambin, ferħ, passjoni.
2. L-Għid: Rebbiegħa, kewkba, figolli, Randan, l-Irxoxt.
3. L-Imnarja: Buskett, wirja, San Ġużepp, is-Sajf, tlielaq taż-żwiemel.
4. Santa Marija: Ottubru, qubbajt, wirja, vara, konvoj.
5. Festa tar-raħal: Pavaljuni, banda, purċissjoni, maxtura, nar ta' l-art.

**(5 marki)**





**H. Amanda u Philip joqogħdu l-Awstralja. Huma marru f'xi pajjiżi fil-Mediterran.**




In-numri fuq il-mappa juruk f'liema pajjiżi marru. Amanda kitbet fid-djarju l-postijiet li żaru u xi monumenti li raw.



**Imla l-vojt.**

| **Numru fuq il-mappa** | **Pajjiż** | **Belt Kapitali** | **Raw dawn il-monumenti** |
|---|---|---|---|
| | | Valletta | Ħaġar Qim |
| 3 | l-Italja | | |
| | | Pariġi | it-Torri Eiffel |
| 2 | il-Greċja | | |
| | l-Eġittu | il-Kajr | |

**(10 marki)**

**Ħ. Ikteb 5 sentenzi dwar kif iġġib ruħek meta tkun:**



- **Fil-festa tar-raħal JEW**
- **Fi grupp ta' ħbieb JEW**
- **Fid-dar mal-membri kollha tal-familja.**

**1.** ____________________

____________________

**2.** ____________________

____________________

**3.** ____________________

____________________

**4.** ____________________

____________________

**5.** ____________________

____________________

**(10 marki)**

**TMIEM IL-KARTA**



